31976R2971

8.12.1976 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 339/17

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2971/76

tas-7 ta' Diċembru 1976 l

i jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 315/68 u (KEE) Nru 537/70 rigward l-*istandards* ta' kwalità għall-basal ta' l-*Iris danfordiae* u l-*Iris reticulate*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68 tas-27 ta' Frar 1968 dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq tas-siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u oħrajn simili, fjuri maqtugħa u weraq għat-tiżjin [1], u b'mod speċjali l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/68 tat-12 ta' Marzu 1968 li jistabbilixxi l-*istandards* ta' kwalità għall-basal tal-fjuri, basal tal-qasab u tuberi [2], kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 949/75 [3], u b'mod speċjali l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 315/68 stabilixxa l-*istandards* ta' kwalità għall-basal tal-fjuri, il-basal tal-qasab u t-tuberi; billi l-esperjenza turi li, skond il-metodi ta' teknika ta' produzzjoni li qegħdin jintużaw bħalissa u l-kultivari u l-ibridi ta' l-*Iris reticulata* li hawn fis-suq, jeħtieġ li jinbidlu l-iżgħar daqsijiet għall-basal ta' l-*Iris danfordiae* u l-*Iris reticulata*;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 537/70 tat-23 ta' Marzu 1970 [4] awtorizzat lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri li jidderogaw minn ċerti ħtiġiet ta' l-i*standards* ta' kwalità applikabbli għall-esportazzjonijiet ta' basal tal-fjuri, basal tal-qasab u tuberi; billi, fir-rigward ta' l-*Iris reticulata*, il-ħtiġiet kummerċjali ta' ċerti pajjiżi mhux membri ġew konformi ma' dawk li jeżistu ġewwa l-Komunità; billi l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Istati Membri għall-prodott in kwestjoni għandha tiġi rtirata;

Billi l-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pjanti Ħajjin,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tabella li tidher fil-Kapitolu III ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 315/68:

— fil-linja li għandha x'taqsam ma' l-*Iris danfordiae*:
  — il-figura "4·5 ċm" fil-kolonna tad-daqs minimu hija mibdula bil-figura "5·0 ċm",
  — il-gradazzjoni tad-daqs "4·5 sa 5·5" u 'l fuq huma mibdula bil-kelma "xejn";

— fil-linja li għandha x'taqsam ma' l-*Iris reticulata*, il-kliem "il-kultivaru u l-ibridi tagħha" huma miżjuda mal-kolonna "Deskrizzjoni botanika tal-prodott".

Artikolu 2

1. Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 537/70, il-kliem "*Iris reticulata*" huwa mħassar.

2. Fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 537/70, id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-*Iris reticulata* huma mħassra.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1977.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Diċembru 1976.

Għall-Kummissjoni

P.J. LARDINOIS

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 55, tat-28.6.1968, p. 1.
[2] ĠU L 55, tat-28.6.1968, p. 1.
[3] ĠU L 91, tat-12.4.1975, p. 14.
[4] ĠU L 67, ta' l-24.3.1970, p. 10.